# Wieħed

Id-dawl tas-sebħ ma nifidx għal ġol-bitħa tal-iSplendor, il-kumpanija li kellha l-kuntratt tal-indafa pubblika ta' Vigàta; massa ta' sħab, baxxa u densa, kienet qed tgħatti s-sema għalkollox bħal tila griża stirata minn tarf sa tarf. Mank werqa ma bdiet titħarrek, ix-Xlokk ittardja biex jistenbaħ mir-raqda ċombija tiegħu, u ġa kont taqta' nifsek biex tgħid kelma ma' xi ħadd. Il-foreman, qabel ma qassam ix-xogħol, ħabbar li Peppe Schèmmari u Caluzzo Brucculeri ma kinux deħlin dakinhar, u lanqas il-ġranet ta' wara, b'assenza ġustifikata. Kienet iktar minn ġustifikata infatti: it-tnejn li huma kienu arrestawhom il-lejl ta' qabel, wara li nqabdu bl-armi f'idejhom jippruvaw jisirqu s-supermarket. Lil Pino Catalano u Saro Montaperto — żewġ surveyors żgħażagħ, naturalment diżokkupati bħala surveyors iżda impjegati bħala "operaturi ekoloġiċi" temporanji bis-saħħa ta' intervent ġeneruż mill-Onorevoli Cusumano, li għall-kampanja elettorali tiegħu t-tnejn li huma kienu tqatlu b'ruħhom u b'ġisimhom (jew aħjar, b'ġisimhom

u b'ruħhom, għax ġisimhom kien għamel ħafna iktar minn dak li ruħhom kienet lesta tagħmel) — il-foreman assenjalhom il-post li kien tbattal minn Peppe u Caluzzo, preċiżament iż-żona magħrufa bħala *la mànnara* — il-Mandra — imsejħa hekk għax milli jidher, fi żmien żemżem, xi raħħal kien iżomm il-mogħoż hemm. Kienet medda wiesgħa ta' makkja Mediterranja fil-periferija tal-belt, li tibqa' sejra kważi sa fuq il-plajja. Warajha kien hemm il-fdalijiet ta' impjant kbir tal-kimika, inawgurat mill-omnipreżenti Onorevoli Cusumano fi żmien meta kien jidher li r-riħ meraviljuż tal-progress kien qed jonfoħ ġmielu, iżda li ma damx ma nbidel f'żiffa ħafifa sa ma batta għalkollox: kien kapaċi però joħloq iktar dannu minn tromba, hekk kif ħalla warajh serbut ta' nies qiegħda u fuq il-benefiċċji soċjali. Biex jevitaw li l-ġgajtiet ġerrejja ta' suwed u inqas suwed, Senegaliżi u Alġerini, Tuneżini u Libjani li kien hemm fil-belt jiġu jbejtu fil-fabbrika, kienu tellgħulha ħajt għoli dawramejt. 'Il fuq minnu, l-istrutturi mmermrin bil-maltemp, it-telqa u l-melħ tal-baħar kienu għadhom jisserdqu, kulma jmur jixxiebhu dejjem aktar mal-arkitettura ta' Gaudí taħt l-effett tal-alluċinoġeni.

Għal dawk li fiż-żmien kienu magħrufin bl-isem xejn nobbli *munnizzari* — taż-żibel — il-Mandra sa ftit qabel kienet tirrappreżenta xogħol bla tbatija: qalb il-biċċiet tal-karti, boroż tal-plastik, bottijiet tal-birra jew tal-Coca, qlalet mgħottija ħażin ħażin inkella merħija għal riħithom, kultant kien jitfaċċa xi kondom mitluq li, jekk ikollok il-ħajra u l-fantasija, tista' toqgħod taħseb fuqu u ġġib quddiem għajnejk il-partikolaritajiet tal-inkontru. Minn xi sena 'l hawn, però, il-kondoms saru baħar sħiħ,

tapit, u dan minn mindu ministru b'wiċċu mudlam u mitbuq, denju tal-istudji kriminoloġiċi ta' Lombroso, kien tella' mill-qiegħ ta' ħsibijietu — mudlama u mitbuqa iktar minn wiċċu — idea li dlonk dehritlu bħala s-soluzzjoni għall-problemi tal-ordni pubblika tas-Sud. F'din l-iskema ta' moħħu kien żeffen lill-kollega tiegħu, wieħed involut fl-armata u li kien donnu ħiereġ ħelu ħelu minn xi illustrazzjoni ta' Pinocchio, u għaldaqstant it-tnejn bejniethom qatgħuha li jibagħtu xi truppi militari fi Sqallija bi skop ta' "kontroll tat-territorju", b'tali mod li jserrħu l-karabinieri, il-pulizija, is-servizzi sigrieti, il-forzi speċjali, tad-dwana, il-pulizija tat-traffiku, tal-ferrovija, tal-portijiet, ta' kontra l-Mafja, ta' kontra t-terroriżmu, ta' kontra d-droga, ta' kontra s-serq, ta' kontra l-ħtif, u oħrajn ma nsemmuhomx biex ma ntawlux, kollha kemm huma medhijin f'xogħol xort'oħra. Bis-saħħa tal-idea ġenjali ta' dawn iż-żewġ statisti eminenti, salt fessudin t'ommhom mill-Piemonte u żerbinotti bil-lieva mill-Friuli, li sa ġurnata qabel kienu qed jogħxew jiġbdu l-arja friska u punġenti tal-muntanji t'art twelidhom, f'daqqa waħda sabu ruħhom jieħdu n-nifs bil-piena, imekku fl-alloġġi temporanji tagħhom, fi bliet bejn wieħed u ieħor metru 'l fuq mil-livell tal-baħar, qalb nies li jitħaddtu bi djalett li ma jinftihemx, li fih iktar skiet milli kliem, ċaqliq tal-ħuġbejn li ma tifhmux u tiġbid tat-tikmix li mhux lakemm tinduna bih. B'riħet l-età żagħżugħa tagħhom, kienu addattaw ruħhom kif l-aħjar setgħu, u kienu tawhom daqqa t'id anke l-Vigatiżi stess, li missitilhom qalbhom dik l-arja inġenwa u diżorjentata ta' dawn il-ġuvnotti frustieri. Però biex verament

itaffilhom it-tbatija tal-eżilju kien ħa ħsieb ċertu Gegè Gullotta, raġel tassew inġenjuż, li sa dak iż-żmien kien kostrett joħnoq it-talent naturali tiegħu ta' qaħħab u minflok jagħmilha ta' traffikant żgħir tad-drogi ħfief. Malli sar jaf bil-wasla imminenti tas-suldati, minn sorsi ministerjali u daqstant ieħor minn taħt, Gegè ħareġ b'idea brillanti u, bil-ħsieb li jwettaq din l-idea fil-konkret, kien irrikorra fil-pront għall-benevolenza tal-individwi konċernati sabiex jikseb il-permessi kollha, innumerabbli u kkumplikati, li mingħajrhom ma tagħmel xejn. "L-individwi konċernati": ċjoè kienu dawk li jikkontrollaw it-territorju fir-realtà, u li lanqas f'mitt sena ma kont toħlom li se jagħtu xi konċessjoni bit-timbru uffiċjali. F'kelma waħda, fil-Mandra issa Gegè seta' jvara s-suq li kien jiddiletta bih, dak tal-laħam frisk flimkien ma' varjetà rikka ta' drogi, dejjem mill-ħfief. Fil-biċċa l-kbira l-laħam frisk kien jiġi mill-pajjiżi tal-Lvant, sa fl-aħħar illiberati mill-madmad Komunist li, kif jaf kulħadd, kien ineżża' 'l-persuna umana minn kull dinjità. U qalb l-arbuxelli u r-ramel tal-Mandra, mal-lejl, dik id-dinjità miksuba lura kienet terġa' tibda tibbrilla. Ma kinux jonqsu madankollu nisa tat-tielet dinja, trasvestiti, transesswali, femminelli Naplitani u viados Brażiljani; kien hemm għall-gosti ta' kulħadd, xalata, festa sħiħa. U l-kummerċ iffjorixxa, b'sodisfazzjon kbir għas-suldati, għal Gegè, u għal dawk li magħhom Gegè kien ikkorda l-permessi bi ħlas ta' perċentwali tajbin.

•

Pino u Saro rħewlha lejn il-post tax-xogħol, kull wieħed jimbotta l-karretta tiegħu. Għall-Mandra kien jonqos xi nofs siegħa triq, jekk teħodha bil-lajma, kif kienu qed jagħmlu. L-ewwel kwarta qattgħuha fil-muta, għarqana xraba diġà. Imbagħad kien Saro li kiser is-silenzju.

"Dak Pecorilla kurnut," iddikjara.

"Kurnut kbir," qabel miegħu Pino.

Pecorilla kien il-foreman inkarigat biex iqassam ix-xogħol tat-tindif u ma kienx jaħbi li kellu mibegħda profonda lejn in-nies tal-iskola — tqis li hu rnexxielu jakkwista ċ-ċertifikat tas-sekondarja t'erbgħin sena, u dan biss wara li Cusumano kellem lis-surmast ras imb ras. Għaldaqstant kien jara kif jagħmel biex l-iktar xogħol degradanti u skabruż jaqa' dejjem f'ħoġor it-tliet gradwati li kellu taħtu. Dik l-istess għodwa infatti, lil Ciccu Loreto kien assenjalu l-parti tal-moll minn fejn kien isalpa l-vapur tal-posta lejn il-Gżira ta' Lampedusa. Dak kien ifisser li Ciccu, accountant, kien se jkollu jikkontja t-tunnellati ta' skart li ċ-ċorom distorbjużi ta' turisti — jitkellmu b'ilsna differenti imma kollha bl-istess disprezz totali lejn l-indafa personali u pubblika — kienu ħallew warajhom is-Sibt u l-Ħadd huma u jistennew biex jirkbu l-vapur. U daqstant ieħor Pino u Saro, il-Mandra kienu se jsibuha mandra sħiħa wara l-jumejn off tas-suldati.

Hekk kif waslu f'salib it-toroq bejn Via Lincoln u Viale Kennedy (f'Vigàta kien hemm ukoll Cortile Eisenhower u Vicolo Roosevelt), Saro waqaf.

"Ħa naqbeż qabża sad-dar ħa nara kif inhu *u picciliddru*," qal lil sieħbu. "Stennieni, minuta kollox."

Ma qagħadx jistenna r-risposta ta' Pino u daħal

mill-bieb il-kbir ta' wieħed mill-iskyscrapers nani, jaslu sa massimu ta' tnax-il sular, li kienu nibtu bejn wieħed u ieħor fl-istess perjodu tal-fabbrika tal-kimika u bl-istess mod spiċċaw diżastrati, jekk mhux abbandunati għalkollox. Għal min ikun ġej min-naħa tal-baħar, Vigàta kienet tippreżenta ruħha donnha parodija ta' Manhattan fuq skala ridotta: u hekk, forsi, tispjega ruħha t-toponomastika tal-post.

Nenè, *il picciliddro*, kien imqajjem. Kellu xorti raqad sagħtejn b'kollox mal-lejl, il-bqija kien qattgħu b'għajnejh beraħ, bla ma jibki, u min qatt sema' b'tarbija li ma tibkix? Minn jum għall-ieħor kienet qed tikkunsmah marda li l-kaġun u l-kura tagħha ma kien jafhom ħadd; it-tobba ta' Vigàta ma setgħux isibu tarf — kien jeħtieġ jeħduh xi mkien barra għand xi speċjalista prim, iżda flus ma kienx hemm. Hekk kif għajnejh iltaqgħu ma' ta' missieru, wiċċ Nenè ddallam u fuq moħħu ffurmat tikmixa. Jitkellem ma kienx jaf, imma rnexxielu jesprimi ruħu perfettament, b'dik iċ-ċanfira siekta li ta lil min ġabu f'dak it-tiġrib.

"*Sta tanticchia meglio*, id-deni qed jinżillu," qaltlu martu Tana, biex tagħmlu kuntent.

•

L-ajru kien fetaħ, u issa kienet qed tisreġ xemx taqli l-ankri. Saro kien diġà battal il-karretta tiegħu xi għaxar darbiet — fil-miżbla li kienet nibtet, fuq inizjattiva privata, fil-post fejn xi darba kien hemm il-bieb ta' wara tal-fabbrika. Dahru ħassu se jinqasam. Hekk kif wasal tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-mogħdija li kien hemm

mad-dawra tal-ħajt protettiv u li kienet tagħti għat-triq prinċipali, ra li mal-art kien hemm xi ħaġa tlellex. Tbaxxa biex jara aħjar. Kien pendent forma ta' qalb, enormi, miżgħud bil-brillanti u bi djamant daqsiex fin-nofs. Kien għadu msensel ma' katina, tad-deheb mastizz, li kienet maqtugħa f'post minnhom. Il-leminija ta' Saro ħarġet sparata, ħatfet il-ġiżirana, u deffsithielu fil-but. Dik l-id il-leminija Saro stħajjilha aġixxiet minn rajha, bla ma kellimha l-moħħ, li kien għadu mbellah bis-sorpriża. Reġa' qam fuq saqajh, għasra bl-għaraq, iħares madwaru, iżda ma kinitx tidher ruħ.

•

Pino, li kien għażel il-parti tal-Mandra l-iktar viċin tar-ramla, ħin minnhom lemaħ il-parti ta' quddiem ta' karozza li, xi għoxrin metru 'l bogħod, kienet qed tisponta minn medda ta' arbuxelli iktar densa mill-bqija. Waqaf, mifxul: ma setax ikun li xi ħadd kien għadu għaddej ma' xi qaħba sa dak il-ħin, is-sebgħa ta' filgħodu. Beda riesaq kawt kemm jista' jkun, imidd pass wara pass, kważi milwi fi tnejn, u malli ġie bi dritt il-fanali ta' quddiem, għola f'daqqa. Ma ġara xejn, ħadd ma qabad jgħajjat u jibagħtu jieħdu — il-karozza kienet tidher vojta. Resaq ftit iktar viċin u fl-aħħar ra l-profil imċajpar ta' raġel, ma jiċċaqlaqx, fuq in-naħa tal-passiġġier, b'rasu mitluqa lura. Kien bħal donnu rieqed fil-fond. Iżda mad-daqqa t'għajn, qalb Pino ħebritu li kien hemm xi ħaġa ma tinkwadrax. Dar u qabad jgħajjat, isejjaħ lil Saro, li min-naħa tiegħu wasal bla nifs u b'għajnejh imberrqin.

"X'ġara? Xi ż-żobb trid? Xi nqalagħlek?"

Pino ħass laqta ta' aggressjoni fil-mistoqsijiet ta' sieħbu, imma waħħal fil-ġirja li kellu jieħu biex jiġi ħdejh.

"*Talìa cca*, ara x'hawn."

Pino għamel kuraġġ u resaq lejn in-naħa tax-xufier. Ipprova jiftaħ il-bieba iżda ma rnexxilux: kienet imsakkra. Bl-għajnuna ta' Saro, li issa kien jidher donnu kkalma, ittanta jilħaq il-bieba l-oħra, li magħha kienet qed isserraħ parti mill-ġisem ta' dak ir-raġel. Ma rnexxilux għax il-karozza, BMW kbira, ħadra, kienet imħaxkna mar-ringiela arbuxelli tant li minn dik in-naħa ma setgħetx tintlaħaq. Iżda meta xxabbtu, u mtlew grif, mal-għollieq, irnexxielhom jaraw wiċċ ir-raġel ftit aħjar. Ma kienx rieqed; għajnejh kienu miftuħin u ċassi. Fl-istess mument li ndunaw li r-raġel kien bla ħajja, Pino u Saro kesħu bil-biża', tkexkxu: mhux għax sabu ruħhom wiċċ imb wiċċ mal-mewt, imma għax kienu għarfu 'l-mejjet.

•

"Qisni qiegħed ġo sauna," qal Saro hu u jiġri fit-triq prinċipali lejn kabina tat-telefown. "Filli dehxa kiesħa, filli fawra sħuna."

Kienu ftiehmu, appena ħelsu mill-paraliżi li ħakmithom kif għarfu l-identità tal-mejjet: qabel ma javżaw 'il-pulizija, kien jeħtieġ li jagħmlu telefonata oħra. In-numru tal-Onorevoli Cusumano kienu jafuh bl-amment u Saro għafas in-numri, imma Pino ma ħalliehx idoqq, lanqas darba.

"Aqta', aqta'!" qallu.

Saro obdieh awtomatikament.

"Mhux se navżawh?"

"Ejja naħsbuha ftit l-ewwel — naħsbuha sew — għax biċċa importanti din. Mela, int taf daqsi li l-Onorevoli pupazz."

"X'jiġifieri?"

"Jiġifieri pupazz f'idejn l-Inġinier Luparello. Luparello kollox, anzi Luparello *kien* kollox. B'Luparello mejjet, Cusumano mhu xejn, biċċa tal-art."

"Allura?"

"Allura *nenti*, xejn."

Qabdu t-triq lejn Vigàta, imma wara ftit passi Pino waqqaf lil Saro.

"Rizzo," qal.

"Jien lil dak ma nċempillux, nibża' minnu, 'qas biss nafu."

"'Qas jien, imma se nċempillu xorta."

Pino akkwista n-numru mis-servizz tad-direttorju. Kienu kważi t-tmienja neqsin kwart, imma Rizzo rrisponda mal-ewwel ċempila.

"L-Avukat Rizzo?"

"Jien hu."

"Skużani Dottore talli qed niddisturbak dal-ħin … sibna lill-Inġinier Luparello u … naħsbu li mejjet."

Kien hemm pawsa. Imbagħad Rizzo tkellem.

"U għala qed tiġi tgħid lili?"

Pino baqa' mibluh. Kollox kien qed jistenna ħlief dik ir-risposta, li dehritlu stramba.

"Kif?! Int mhux … l-ikbar ħabib tiegħu? Ħsibna li jkun doveruż —"

"Nirringrazzjakom. Imma l-ewwel u qabel kollox tridu tagħmlu d-dover tagħkom. Il-ġurnata t-tajba."

Saro kien issemma' t-telefonata, b'ħaddu mserraħ ma' wiċċ Pino. Ħarsu lejn xulxin, perplessi. Rizzo kien ġab ruħu daqslikieku qalulu li kienu sabu l-katavru ta' wieħed ma jafuhx minn Adam.

"Xi ż-żobb? Kien ħabib tiegħu, le?" infaqa' Saro.

"U aħna fejn nafu? Forsi riċentement kisruha," irraġuna Pino.

"U issa x'nagħmlu?"

"Immorru nagħmlu d-dover tagħna, kif qalilna d-Dottore," ikkonkluda Pino.

Irħewlha lejn il-belt u baqgħu sejrin dritt il-kwartieri. Li jmorru għand il-karabinieri lanqas biss għadditilhom mill-antikamera ta' moħħhom: dawk kien imexxihom logutenent Milaniż. L-Ispettur tal-Pulizija, mill-banda l-oħra, kien minn Catania, kien jismu Salvo Montalbano, u meta jdaħħal f'moħħu li jsib tarf ta' xi ħaġa, isibilha tarf u kif.